# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 56/2023/09

**Data tal-laqgħa:** 24 ta' Frar, 2023

Il-Kunsill Lokali ta' Hal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Hal Kirkop fil-17:00hrs.

## Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Kunsillier*** |
| Joseph Schembri | ***Kunsillier*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

## Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 56.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

56.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji x'jinqraw, minħabba li l-Kunsilliera kollha kienu preżenti għal din il-laqgħa.

## 56.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 53

56.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 53 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 54 (B'Urġenza)

56.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 54 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 55 (B'Urġenza)

56.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 55 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Kunsillier Cody Galea, li kienet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 56.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

56.5.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 2/2023 dwar Emendi fir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.13), u emendi fir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05) mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

56.5.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 3/2023 dwar Emendi fir-Regolamenti dwar Attivitajiet li jeħtieġu Permessi mill-Kunsilli Lokali – Sistema ta' applikazzjoni *Fast Track*.

56.5.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sa issa s-sistema għada mhux *updated* b'dan it-tibdil.

56.5.2.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-Ċirkulari u qalu li qed jaraw li din il-bidla taf toħloq aktar abbuż għax dak li jkun, jaf jieħu ċ-ċans li jaħdem bla permess minflok iħallas id-dritt addizzjonali.

56.5.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*Accountant* tal-Kunsill kienet bagħtet kwotazzjoni biex issir reviżjoni tal-ħlas għas-servizz tagħha, b'effett mill-1 ta' Jannar 2023.

56.5.3.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-kwotazzjoni u kkonkludew li din hija żieda raġonevoli meta kkumparata mal-prezz tas-suq u x-xogħol tal-*Accountant* huwa tajjeb ħafna.

56.5.3.2 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

56.5.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kellu laqgħa mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali flimkien mal-Kunsilli Lokali li kienu jagħmlu parti miż-Żurrieq Joint Committee dwar kif ser jitqassmu l-fondi li kien fadal fil-kont bankarju tal-istess Kumitat Konġunt.

56.5.4.1 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-maġġoranza tal-Kunsilli qablu li dawn il-flus jiġu diviżi bejn is-seba' Kunsilli Lokali li kienu jiffurmaw dan il-Kumitat Konġunt, peress li ma kienx hemm Stqarrijiet Finanzjarji Awditjati li setgħu juru mod ieħor kif kellu jsir dan it-tqassim. Kunsill wieħed biss ma qabilx ma din il-proposta għax qed jitlob li dawn il-flus jgħaddu kollha għandu għax qal li kellu jieħu xi flus mill-Kumitat Konġunt.

56.5.4.2 Is-Sindku Terence Agius kompla jispjega li għal dan il-għan il-Kunsilli qablu li jgħaddu riżoluzzjoni komuni biex il-flus jgħaddu kif maqbul mill-maġġoranza u min ma jaqbilx ma dan kellu jiġġieled il-każ bir-rappreżentanti legali tiegħu.

56.5.4.3 Għaldaqstant is-Sindku ressaq ir-riżoluzzjoni li l-kontenut tagħha jinsab fil-parentesi *'The members of Hal Kirkop Local Council have agreed to the equal distribution of the funds of the Żurrieq Joint Committee which are currently being held at the Bank of Valletta, Żurrieq Branch between the seven Local Councils which formed part of the Żurrieq Joint Committee. Funds are to be distributed equally between the Local Councils as no other method of distribution can be used due to the absence of supporting documentation and limitations created by the lack of Audited Financial Statements. It was further agreed that the quorum necessary to proceed in the equal distributions of funds is that of a whole number above fifty percent of the Local Councils which formed part of the Żurrieq Joint Committee and that any disputing party shall take the matter to court through his/her own legal representatives.'*, liema riżoluzzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mill-Kunsilliera kollha preżenti.

56.5.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta dwar it-talba li l-Kunsill għamel biex il-ħinijiet tal-ftuħ tal-Klinika ta' Ħal Kirkop jiġi estiż.

56.5.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li minn naħa tad-Dipartiment qed jistennew li jiftaħ il-Hub ta' Raħal Ġdid biex ikunu jistgħu jerġgħu jikkunsidraw din it-talba.

56.5.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-*pump room* ta' Pjazza Żerniq kienet għerqet fl-aħħar maltempata li għamlet. Is-Sindku spjega li fil-frattemp il-Kunsill kien irċieva wkoll il-pjanti dwar is-sistema tad-dawl tal-istess Pjazza.

56.5.6.1 Is-Sindku Terence Agius spjega x-xogħol li hemm bżonn isir biex din il-problema ma tibqax tippersisti u qal li qed jitkellem mal-Perit u l-Inġinier biex din tissolva darba għal dejjem.

56.5.6.2 Il-Kunsilliera qablu ma dak li qal is-Sindku u qablu li jħallu f'idejh biex jikkordina mal-Perit u l-Inġinier dwar dak ix-xogħol meħtieġ li jsir. Huma qablu li għandu jmexxi biex il-Kunsill ikun jista' jerġa' jiftaħ il-latrina kemm jista' jkun malajr.

56.5.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsilli Lokali fl-Earth Hour 2023.

56.5.7.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li bħala ġest simboliku l-Kunsill jitfi l-faċċata tal-Kunsill fid-data u l-ħin mitlub, jiġifieri nhar is-Sibt, 25 ta' Marzu, 2023 bejn it-20.30hrs u d-21.30hrs.

56.5.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva approvazzjoni minn Transport Malta biex isiru s-sinjali Keep Clear u No Parking for Heavy Vehicles fi Triq il-Madonna tad-Dawl fejn hemm il-gate li tagħti għal fuq ir-runway tal-ajruport.

56.5.8.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din l-approvazzjoni li kienet mitluba minn naħa tal-kontroll tal-ajruport u qablu li f'dan l-istadju kellhom isiru biss it-tabelli biex ma jkunx hemm ipparkjar ta' *containers* u vetturi kbar li jagħlqu l-aċċess.

56.5.8.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li ssir l-ordni għal dawn it-tabelli.

56.5.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward il-Proposta tal-Manifest Elettorali 962 – 'Il-Kunsilli Lokali jaħdmu mal-awtoritajiet ċentrali u s-settur privat sabiex joħolqu u jamministraw żoni ta' parkeġġ'.

56.5.9.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ma kienx hemm żviluppi dwar żoni ta' parkeġġ.

56.5.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva risposta pożittiva mill-Malta International Airport rigward parti mill-finanzjament tal-proġett tal-*Observation Area*.

56.5.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li se jispjega aktar fid-dettal dwar dan il-punt fuq l-*item* fuq l-aġenda dwar is-suġġett.

56.5.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva kopja tal–*agreements* dwar l-użu tas-swali tal-iskejjel mingħand il-Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu.

56.5.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dawn l-*agreements* u qablu li dawn jintbgħatu lill-Għaqda Kulturali Kirkop u lill-Kirkop Paegant Group.

56.5.12 Is-Sindku Terence Agius talab biex jissosspendi l-laqgħa minħabba li kien hemm il-laqgħa ta' għarfien dwar id-Dimentia u l-Kunsilliera xtaqu jattendu. Kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi sospiża u titkompla wara. Il-ħin f'dan l-istadju kien is-18:15hrs.

56.5.13 Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jerġgħu jidħlu għal-laqgħa. Il-ħin f'dan l-istadju kien it-19:45hrs.

56.5.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand Refablightblue rigward il-*Used Oil Recycling Project*.

56.5.14.1 Is-Sindku spjega li dawn kienu talbu biex ipoġġu reċipjent li fih jinġabar iż-żejt tal-ikel użat.

56.5.14.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-materja u qablu li jpoġġu wieħed bi prova maġenb il-kaxxi tal-ħwejjeġ fi Triq ir-Ramlija. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

56.5.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva ittra ta' ringrazzjament mingħand Dr Lydia Abela rigward il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-inizjattiva Rigal B'Imħabba.

56.5.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni dwar il-fond marbut mad-Development Planning Fund tal-Awtorità tal-Ippjanar.

56.5.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan il-fond u qablu li kienu ser jagħmlu studju biex jidentifikaw il-bozoz li ser jinbidlu fil-qalba tar-raħal biex isiru fuq stil antik, bħal dawk ta' Triq San Rokku.

56.5.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fejn ġejna infurmati li s-servizz tal-internet, li kien offrut mill-entità Tech.mt u li kien iffinanzjat mid-Diviżjoni, kif ser jiġi terminat, peress li ma kienx qed jintuża biżżejjed.

56.5.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kien attenda għal-laqgħa tar-Reġjun Punent fejn fost diversi affarijiet ġiet diskussa attività kulturali Reġjonali u attività sportiva.

## 56.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

56.6.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar meta qed jiġi l-ġardinar għax kien hemm xi affarijiet li xtaq jiġbidlu l-attenzjoni dwarhom.

56.6.1.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-ġardinar kien qed jiġi nhar ta' Ġimgħa u talab lill-Viċi Sindku biex jitkellem dirett miegħu dwar dak li kien hemm bżonn isir.

56.6.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar meta kien qed jiġi l-kennies.

56.6.2.1 Is-Sindku Terence Agius qal li skont il-kwotazzjoni l-kennies qed jaħdem ħames t'ijiem fil-ġimgħa. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob lill-kuntrattur jagħtiha l-ħinijiet li fih qed ikun hawn il-kennies f'Hal Kirkop u liema *areas* qed jiknes.

56.6.3 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana staqsiet dwar il-bankina ta' Triq San Pietru u qalet li hemm bżonn tissewwa.

56.6.3.1 Is-Sindku Terence Agius talab lill-Kunsilliera Ritienne Caruana biex tikkjarifika għal-liema partijiet kienet qegħda tirreferi.

56.6.3.2 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana qalet li kienet ser tiċċekkja u tinforma lill-Kunsill.

56.6.4 Il-Kunsilliera Ritienne Caruana tkellmet dwar l-arbli tad-dawl tat-toroq u staqsiet għaliex dawn ma jsirux kollha pariġġ dak tar-*roundabout* ta' Triq San Benedittu.

56.6.4.1 Is-Sindku Terence Agius qal li dak l-arblu sar mill-Kunsill u l-oħrajn isiru mill-Enemalta u jkunu aktar għoljin biex jitfgħu d-dawl fit-triq.

56.6.5 Il-Kunsillier Cody Galea staqsa dwar ħajt li waqa' fi Triq Nerik Xerri.

56.6.5.1 Is-Sindku Terence Agius qal li huwa infurmat li dan qed jissewwa mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi.

## 56.7 Rapport tal-Ilmenti

56.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment biex jitneħħew żewġ *parking bays* fi Triq Nerik Xerri minħabba li kienet qed issibha diffiċli biex toħroġ mill-garaxx.

56.7.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew dan l-ilment u talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib aktar informazzjoni minħabba li t-triq hija wiesa' u ma jkunx lok li jitneħħew parkeġġi għalxejn.

56.7.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 56.8 Project Green

56.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Kunsill kien qed jipprepara l-applikazzjoni ta' Project Green dwar il-proġett ta' tisbieħ tal-*observation area* fi Triq l-Industrija, kif kien diskuss permezz tal-*emails*.

56.8.2 Is-Sindku Terence Agius qal li l-Perit tal-Kunsill kien għen ħafna biex setgħu jintlaħqu l-parametri ta' din l-applikazzjoni.

56.8.3 Il-Kunsilliera raw l-applikazzjoni kif preparata u qablu mal-kontenut tagħha.

56.8.4 Apparti l-applikazzjoni ta' Project Green, il-Kunsill kien ipprepara wkoll applikazzjoni mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex iġib l-approvazzjoni biex ikun jista' japplika għad-Devoluzzjoni tal-istess *observation area* fi Triq l-Industrija, Hal Kirkop. Wara din l-approvazzjoni il-Kunsill pprepara wkoll l-Applikazzjoni għad-Devoluzzjoni mad-Dipartiment tal-Artijiet.

56.8.5 Dan kollu biex l-applizzjoni ta' Project Green tkun tista' tidħol sad-data tal-għeluq, jiġifieri sat-28 ta' Frar, 2023, bid-dokumenti kollha rikjesti.

## 56.9 *Football Tournament* ma' Rousset

56.9.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li kienu għaddejjin id-diskussjonijiet mal-Kumitat ta' Kirkop FC dwar il-possibilità li jkun hemm parteċipazzjoni f'tournament bejn Ħal Kirkop u Rousset fi Franza.

56.9.2 Is-Sindku kompla jgħid li l-Kumitat ta' Kirkop FC kien qed jara liema team jista' jtella' biex inkunu nistgħu nagħtu aktar informazzjoni lil Rousset dwar il-parteċipanti.

56.9.3 Il-Kunsill ser ikun qed jakkumpanja wkoll lit-tim għal dan it-tournament bħala parti mill-attivitajiet li qed isiru biex tkompli tikber il-ħidma fuq il-ġemellaġ iffirmat bejn iż-żewġt irħula.

## 56.10 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

56.10.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-proċess fuq id-dokument tat-tender huwa miexi u kien għadda għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-approvazzjoni. Malli dan ikun lest ikun jista' jiġi ippublikat.

## 56.11 Sejħa għall-Offerti – Tabelli u Sinjali tat-Traffiku

56.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li d-dokument tat-tender għal din is-sejħa huwa lest u malli jkun hemm il-konferma tad-dokument tas-sejħa dwar Knis ta' Toroq, dan it-tender jiġi ppublikat ukoll.

## 56.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

56.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 135 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

56.12.2 Il-Kunsillier Cody Galea ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 135 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsilliera Ritienne Caruana, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 56.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

56.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

56.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 29 ta' Marzu, 2023 fl-16:30hrs.

56.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-21:45hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 29 ta' Marzu, 2023

**Mozzjoni Ref:** 293/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 53.

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
Cody Galea

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 294/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 54 (B'Urġenza).

| | |
|---|---|
| **Proponent**<br>Joseph Schembri | **Sekondant**<br>Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 295/23/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 55 (B'Urġenza).

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Cody Galea | Ritienne Caruana |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 296/23/9

**Mozzjoni:**

Biex isir kuntratt mal-*Accountant* bil-ħlas rivedut.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 297/23/9

**Mozzjoni:**

*The members of Ħal Kirkop Local Council have agreed to the equal distribution of the funds of the Żurrieq Joint Committee which are currently being held at the Bank of Valletta, Żurrieq Branch between the seven Local Councils which formed part of the Żurrieq Joint Committee. Funds are to be distributed equally between the Local Councils as no other method of distribution can be used due to the absence of supporting documentation and limitations created by the lack of Audited Financial Statements. It was further agreed that the quorum necessary to proceed in the equal distributions of funds is that of a whole number above fifty percent of the Local Councils which formed part of the Żurrieq Joint Committee and that any disputing party shall take the matter to court through his/her own legal representatives.*

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 298/23/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 135.

**Proponent**
Cody Galea

**Sekondant**
Ritienne Caruana

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 24 ta' Frar, 2023

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**